MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

**GUDIKATUR DR.
MANDUCA PHILIP**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 1332/2001/1

**Neville Lia**

**vs**
**Herbert Camenzuli**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz li fih l-attur talab il-hlas ta’ Lm900 rappresentanti valur ta’ magna tal-Kiddy Ride fil-forma ta’ mutur inkluz it-telf tal-profitti minn Jannar 2001 sa Ottubru 2001.

Ra r-risposta fejn il-konvenut qal li t-talba attrici ghandha tigi respinta kontra l-attur billi l-konvenut “qua depozitarju ezercita l-istess hsieb daqs kemm jiehu fil-kustodja ta’ hwejgu”. Illi l-konvenut qal ukoll li l-ammont mitlub huwa eccessiv.

Ra s-seduta tat-2 ta' Mejju 2002 fejn xehed PC 1082 Ronald Marmara. Ra d-dokument esebit bhala Doc. RM. Ronald Marmara qal li l-konvenut kien qallu li kellu daru jugaw u ma setghax idahhal il-magna gewwa.

Ra l-istess seduta li fiha xehed Neville Lia fejn esebixxa Doc NL u NL1. L-attur kien ftiehem mal-konvenut li l-qliegh tal-magna jinqasam nofs bin-nofs u kien ukoll enfaziza li bil-lejl il-magna qatt m'ghandha tithalla barra. L-attur qal li meta serqu il-magna l-konvenut qallu li ma kienetx l-ewwel darba li halliha barra. L-attur kien saqsih ukoll ghaliex ma kienx informah li kellu dahru jugaw sabiex jghinu hu izda l-konvenut qallu li kien tilef in-numru tieghu.

Ra s-seduta datata 27 ta' Gunju 2002 fejn xehed l-attur li fiha spjega li ma setax jikkalkola ezattament kemm il-profit tilef.

Ra s-seduta datata fil-25 ta' Settembru 2002 li fiha xehed il-konvenut Herbet Camenzuli u jikkonferma li meta gab il-"kiddie ride" kien esprima d-diffikulta tieghu li jdahhlu gol-hanut tieghu stess.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra l-kontro-ezami fejn il-konvenut spjega li kien qal lil attur li biex idahhal il-kiddie ride gewwa ried erba' roti akkost ta' kollox. Il-konvenut ikkonferma ukoll li l-kwistjoni tas-sahha tieghu kien semmija biss wara li nsteraq il-kiddie ride.

Ikkunsidra li l-konvenut gie avzat li kellu idahhal il-magna gewwa bil-lejl. Ikkunsidra li kien difficili ghal konvenut biex jaghmel dan u ghalhekk halla l-magna barra.

Illi skond l-artikolu 1899 tal-Kodici Civili l-konvenut kellu d-dover li juza l-istess diligenza li kien juza ghal hwejjeg tieghu stess. Billi l-konvenut kien se jiehu parti mill-profit tal-magna l-obbligu japplika ukoll l-artikolu 1900 tal-Kodici Civili.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi t-Tribunal jikkunsidra li l-konvenut kellu l-obbligu li jew idahhal l-magna gewwa jew li jirritornah. Ma setax jippretendi li ihallih barra (meta kellu avviz biex ma jaghmilx hekk) u ikompli jiehu l-flus, imbaghad ma ikunx risponsabbli jekk jinsteraq.

Illi dwar l-ammont dovut l-attur jippretendi li jiehu Lm700 bhala valur tal-mutur u Lm200 bhala telf ta' profit bejn Jannar 2001 sa Ottubru 2001. L-attur esebixxa rcevuta datat 8/8/98 ghal Lm750 valur ta' Kiddie Ride Machine. Din l-ircevuta hija minghajr letter head u minn biegh il-magna ma giex biex jikkonferma dan il-valur. Illi l-valur zgur tnaqqas minn 1998 sa' 2001. Illi l-attur naqas li jipprova bil-vat returns kemm fil-fatt kien jaqla minn dawn il-magni. Skond id-dokument datat 11 ta' Gunju 1998 (Fol. 26) l-attur kellu 8 magna u kien ilu jikri dawn it-tip ta' magna ghal tlett snin. Ghalhekk l-attur seta facilment gab prova konvincenti tal-profit tieghu.

Fic-cirkostanzi t-Tribunal jikkalkola l-ammont li sofra l-attur fl-ammont ta' Lm500. It-Tribunal jilqa t-tieni eccezzjoni tal-konvenut u jikkundanna lil konvenut sabiex ihallas lil attur l-ammont ta' Lm500.

Kull parti ihallas l-ispejjes tieghu.

**Philip Manduca**
**Gudikant**